MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 900/2001/1

**Central Mediterranean Products Limited**

**Vs**

**Anthony Scicluna**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tmienja u sittin lira maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm468.74) dovuta mill-konvenut lis-socjeta’ attrici, rappresentanti prezz ta’ materjal mibjugh lill-konvenut u fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Ittra Legali (Lm6.50) datata 23 ta’ Awissu 2001 u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Fil-fatt in-negozju kien sar mas-socjeta’ Medeuro Trading Centre Limited, li kienet hallset ghall-istess merkanzija permezz ta‘ materjal tal-waterproofing kif jirrizulta miz-zewg delivery notes annessi mal-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Sema’ ix-xhieda prodotti mill-attur u ezamina d-dokumenti esibiti.

Jirrileva li l-konvenut naqas li jipproduci x-xhieda in sostenn tad-difiza tieghu, u l-pretensjonijiet attrici ma gewx kontradetti.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ erba' mija tmienja u sittin Lira u erba’ u sebghin centezmu (Lm468.74) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------